# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA’ ĠUDIKATURA KRIMINALI

## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Kump. Numru: 232/2024**

**Ir-Repubblika ta’ Malta**

**Vs**

**Said Salem Al Daba**
(K.I 543821L)

**Illum, 16 ta’ Ġunju, 2025**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Said Salem Said Al Daba,** ta' tmienja u erbgħin (48) sena, iben ġenituri mhux magħrufa, imwieled il-Libja, nhar l-għoxrin (20) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija sitta u sebgħin (1976), residenti ġewwa "Pace", Triq is-Serkin, Il-Marsa, Malta, u detentur tal-passaport Malti bin-numru MT053143 u tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 543821L u akkużat f'isem ir-Repubblika ta' Malta talli nhar it-tletin (30) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), f’xi ħin bejn is-sagħtejn u nofs (14:30) u t-tlieta u nofs ta' waranofsinhar (15:30), ġewwa Triq Fleur De Lys, Birkirkara, fil-viċinanzi tal-ħanut bl-isem 'Butterfly Diner' u/jew fi bnadi oħra f’dawn il-Gżejjer:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioè offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' PC 714 Daniel Bonavia, liema offiża saret fuq il-persuna ta' Uffiċjal Pubbliku ossia PC 714 Daniel Bonavia, jew li kien inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku jew li hu jew kien uffiċjal jew impjegat ta' korp kostitwit b' liġi, meta r-reat sar minħabba li dik il-persuna għamel id-dmirijiet tal-kariga tiegħu u liema delitt sar quddiem minuri jew dan/dawn setgħu jisimgħu x'kien qed isir;

2. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi, inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' PC 714 Daniel Bonavia u PS 627 Daniel Gauci, inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżża' jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi, attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku ossia PC 714 Daniel Bonavia, filwaqt li kien qed jaġixxi għall-eżekuzzjoni tal-Liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil PS 627 Daniel Gauci biża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra 1-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1), fejn twettqet vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt, fejn id-delitt twettaq bl-użu jew it-theddid tal-użu ta' arma;

5. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi, b'xi mod ieħor mhux imsemmi band' oħra f'dan il-Kodiċi, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

6. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma jħallihx jew ifixklu waqt li kien qed jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmiru, billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi kien ordnat jew seta' jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor kien għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li kien, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma kienux jaqgħu taħt dispożizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' liġi oħra;

7. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi ħebb kontra l-persuna ta' PC 714 Daniel Bonavia sabiex jinġurjah, idejqu jew jagħmel ħsara lilu jew lil ħaddieħor, kemm-il darba dan il-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali;

8. U aktar talli fl-istess ħin, lok u ċirkostanzi għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

9. U aktar talli rrenda ruħu reċediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta meta huwa kien diġà ġie misjub ħati u kkundannat għal reati, u liema sentenzi saru definittivi;

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' PC 714 Daniel Bonavia u PS 627 Daniel Gauci billi jekk jidhrilha li huwa xieraq u neċessarju u taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni, toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali;

Il-Qorti kienet mitluba wkoll li jekk jidhrilha xieraq tordna ordni ta' trattament u dan ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati kull artikolu li jiżgura kumpens jew restituzzjoni lill-vittmi tar-reati relattivi.

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti hija mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532A, 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384, u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-parti leża;

Rat li fis-seduta tal-lum, l-imputat irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk irid, jerġa' lura minnha.

Semgħet lill-imputat jerġa' jikkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Rat l-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u tad-difiża;

Ikkunsidrat;

Illi r-reati li bihom huwa akkużat Said Salem Said Al Daba seħħew f'ċirkostanzi fejn l-istess akkużat ma kienx qed jagħraf interament il-konsegwenzi ta' għemilu. Dakinhar tal-inċident hu kien qiegħed ħdejn il-Butterfly Diner b'martell f'idejħ jagħmel storbju sħiħ fit-triq. Miegħu kellu lil uliedu minuri. Fuq il-post marru l-uffiċċjali tal-Pulizija u pprovaw jikkalmaw is-sitwazzjoni. Sfortunatament, l-akkużat kompla jeskala s-sitwazzjoni u

ma bediex jobdi l-istruzzjonijiet tal-uffiċjali tal-Pulizija. F'dak il-mument il-pulizija riedu jarrestawh iżda hu rreżista l-arrest u anke refa' jdejħ fuq l-uffiċjali tal-pulizija.

Ikkunsidrat;

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant iddikjara l-ħtija tiegħu ai termini tal-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi mismugħa jirriżulta illi l-akkużat għandu kundizzjoni mentali li għalkemm għandu biżżejjed konoxxenza biex ikun jista' jifhem dak li qed jagħmel u l-konsegwenzi tagħhom, huwa aktar diffiċli għalih li jikkontrolla għemilu. Għal din il-kondizzjoni huwa ngħata mediċi apposta iżda fil-perjodu li wettaq dawn ir-reati huwa ma kienx qed jieħu dawn il-mediċi għaliex kien qed iħossu tajjeb mingħajrhom. Filfatt dan l-inċident aktarx kien jiġi evitat li kieku żamm mal-kura preskritta.

Il-Qorti semgħet ukoll li dan kien inċident iżolat u li għalkemm huwa wettqu fil-preżenza ta' uliedu, kemm uliedu kif ukoll martu aċċettawh lura d-dar magħhom *pendente lite* u jridu li jkompli jieħu l-kura d-dar magħhom.

Illi l-Qorti setgħet tara hi stess kambjament fl-akkużat waqt dawn il-proċeduri u rriżulta li minn meta tressaq akkużat bir-reati odjerni, huwa reġa komplo bil-kura u llum-il ġurnata qiegħed jgħix ħajja trankwilla mal-familja tiegħu.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li r-reati mwettqa mill-akkużat huma reati serji ħafna u jattakkaw propju x-xogħol tal-uffiċjali li huma nkarigati mili jipproteġu lis-soċjetà tagħna. Kull attakk jew reżistenza fuq uffiċjal pubbliku huwa ta' min jistmerru, partikularment meta jsir fuq uffiċċjali li xogħolhom huwa li jżommu l-ordni. Finalment, irid jingħad ukoll li wara kull uffiċjal hemm persuna li marret għax-xogħol tagħha bħal kwalunkwe ħaddiem

ieħor u persuna m'għandhiex, waqt it-twettiq ta' xogħolha, tiġi esposta għar-riskju li tweġġa' jew li hi stess tweġġa'. Illi għalhekk, il-piena għandha tkun waħda severa.

Min-naħa l-oħra, però, il-Qorti ma tarax li piena karċerarja hija waħda idonea għall-akkużat. Il-Qorti tara li huwa għandu bżonn ta' kura aktar milli ta' piena punittiva. Filfatt, minn kemm ilu jieħu l-kura regolarment, huwa reġa' beda jiffunzjona fis-soċjetà mingħajr ebda diffikultajiet jew ksur ta' liġi.

Illi l-Qorti rat li b'sentenza erogata minnha stess, iżda diversament ippresjeduta, nhar is-16 ta' Settembru 2024, l-akkużat ġie kkundannat għal sena u nofs priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali ġiet sospiża għal tlett snin minn dakinhar stess. Il-Qorti tqis ukoll li bħala parti mill-piena tiegħu, l-akkużat għandu jingħata t-trattament meħtieġ sabiex ikun jista' jegħleb id-diffikultajiet tiegħu u jkompli jiffunzjona u jipparteċipa bis-sħiħ fis-soċjetà Maltija.

**Deċide:**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 95, 96(a), 214, 215, 215, 222(1)(c), 222A(7), 202(i), 251B(1), 251H(f)(g), 338(dd)(ee), u 339(1)(d)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **Said Salem Said Al Daba <u>ħati</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u qed tikkundannaħ għal sentejn priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed tiġi sospiża għall-perjodu ta' sentejn (2) mil-lum.

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati u dan skont it-termini u kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment;

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qed tpoġġi lill-ħati ta' Ordni ta' Superviżjoni u dan u dan skont it-termini u kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment;

Illi ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

In vista taċ-ċirkostanzi speċjali tal-akkużat u l-qagħdha tiegħu, il-Qorti mhux ser tapplika l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali fil-konfront tiegħu.

Tordna wkoll li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza u dan a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ft.Dr. Leonard Caruana B.A., LL.D., M.A (Fin. Serv)**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**